

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/446

tat-3 ta' Marzu 2017

**dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll (2015) li jemenda l-Anness għall-Ftehim
dwar il-Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 80/271/KEE ⁽²⁾, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim tal-GATT dwar il-Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili (il-"Ftehim").
- (2) Fil-5 ta' Novembru 2015, f'Ġinevra, il-firmatarji għall-Ftehim, permezz tar-rappreżentanti tagħhom, qablu li jiftħu għall-aċċettazzjoni l-Protokoll (2015) li Jemenda l-Anness għall-Ftehim dwar il-Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili (il-"Protokoll") li jittrasponi fl-Anness għall-Ftehim it-tibdiliet introdotti fil-verżjoni tal-2007 tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija.
- (3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll (2015) li jemenda l-Anness għall-Ftehim dwar il-Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument ta' aċċettazzjoni, sabiex jesprimu l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Protokoll ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Approvazzjoni tal-15 ta' Frar 2017 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 80/271/KEE tal-10 ta' Diċembru 1979 dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet Multilaterali li jirriżultaw min-negozjati dwar il-kummerċ tal-1973 — 1979 (ĠU L 71, 17.3.1980, p. 1) (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
M. FARRUGIA
